MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa b'urġenza Numru 6

11 ta' Novembru, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 6**

6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
6.2 Bini Ġdid fi Triq Ta' Ċenċ- PA 3129/19.

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fis-1.30 p.m. b'talba.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

6.1.1 Id-Deputat Segretarju Marion Attard infurmat lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsillier Joseph Bajada kienu skużat mill-laqgħa minħabba li jinstab ma jiflaħx. Is-Segretarju Eżekuttiv Jason Curmi ukoll jinsab ma jiflaħx

## 6.2 Bini Ġdid fi Triq Ta' Ċenċ- PA 3129/19

6.2.1 B'referenza għall-ħruġ ta' Permess fi Triq Ta' Ċenċ, is-Sindku stqarr li sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza biex il-Perit Edward Scerri, li kien ġie mistieden għal din il-laqgħa, jinforma lill-Kunsill x'kienu l-passi li l-Kunsill jista' jieħu biex jappella għal dan l-iżvilupp.

6.2.2 Il-Perit Edward Scerri li kien mistieden jattendi għal din il-laqgħa elenka mir-residenti li joqogħdu qrib fejn hu propost l-iżvilupp inkwistjoni.

6.2.3 Il-Perit semma' diversi punti fuq xiex kiteb hemm bażi ta' oġezzjoni għal dan il-permess. Is-Sovrintendenza tal-Patrmonju tal-Kultura talbu li mhux biss kellha tiġi salvagwardata l-faċċata imma l-binja kollha ta' din id-dar tal-perjodu ta' żmien l-Ingliżi. Il-Viċi Sindku rrimarkat li din id-dar għandha qrib mitt sena u għalhekk tħoss li l-Kunsill kellhu jagħmel pressjoni biex tiġi salvata hekk kif din id-dar għandha storja. Qrib l-istess dar kien hemm applikazzjoni biex titwaqqa' dar u dan il-permess ma ngħatax. Għalhekk ma tistax tifhem kif f'dan il-każ ġew applikati miżuri differenti.

6.2.4 Oġezzjoni oħra hi minħabba l-isqaq biswit id-dar. L-isqaq joffri ċertu karaterristiċi li se jisfaxxaw bil-bini ta' żewġ sulari ħajt *blank wall* li se jkun qed ikerrah. Il-Perit semma' ukoll il-fatt li l-bini propost se jkun nofs sular ogħla mill-bini maġenb dan is-sit.

6.2.5 L-applikazzjoni kienet biex il-bini tal-penthouses isir fuq il-bini kollu. Dan mhux suppost jingħata meta ma hemmx bini maġenb is-sit li hu ta' tlett sulari. Is-Sindku sostna li permess għall-bini faċċata ta' dan is-sit ingħata għal żewġ sulari biss. Is-Sindku elenka li b'hekk qed jinħoloq preċedent. Is-Sindku jagħti tort lil Bord tad-Deċiżjonijiet u rrimarka li ma jista' qatt jaċċetta deċiżjoni bħal din fejn il-liġi mhux qed tapplika l-istess għal kulħadd.

6.2.6 Il-membri tal-Kunsill preżenti b'mod unanimu urew id-diżapprovazzjoni għal dan l-iżvilupp. Is-Sindku talab li l-Kunsill kellhu joħroġ stqarrija uffiċjali kontra l-pożizzjoni li qed jieħu l-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu li kellhom immexxu b'appell kontra dan l-iżvilupp u talbu l-Perit biex imexxihom hu.

6.2.7 Il-laqgħa spiċċat fis-1.46 p.m.

Konfermati, illum 21 ta' Novembru 2019

**(Iffirmata)**

Philip Vella
Sindku

**(Iffirmata)**

Marion Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv